MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## IAN FARRUGIA

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2014

Numru. 1023/2011

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sandra Zammit)**

**Vs**

**Carmel Debono**

**Keith Debono**

**Il-Qorti**;

Rat li l-imputat **CARMEL DEBONO ID.176364M, iben Francis u Emanuela nee' Grech imwieled Pieta' fil-25/03/1964 u residenti gewwa Fl.2, Qasam tal-Bini tal-Gvern, Block C4, Fgura;** u l-imputat **KEITH DEBONO ID.247786M, iben Carmel u Veronica nee' Grech imwieled Pieta' fl-01/06/1986 u residenti gewwa Fl.2 Qasam tal-Bini tal-Gvern, Block C4, Fgura**, gew akkuzati talli :

1. Fl-4 ta' Lulju 2011 ghall-habta ta' bejn it-03:00pm ut-03:30pm, gewwa Triq Correa, Hal Qormi kkomettejtu hsara volontarja fuq il-vettura tal-ghamla Toyota Avensis bin-numru tar-registrazzjoni LCQ 138 a detriment ta' Daniel Lanzon, liema hsara ma teccedix l-elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin centezmu (1,164.69), izda teccedi l-mija u sittax-il euro u sebgha u erbghin centezmu (1164.47);

2. U aktar talli hebbejtu ghal Daniel Lanzon sabiex tingurjawh, iddejquh jew taghmlulu hsara;

3. U aktar talli volontarjament ikkagunajtu lil Daniel Lanzon feriti ta' natura hafifa;

4. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kkagunajtu lil Daniel Lanzon jibza li ser tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-propjeta tieghu;

5. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ksirtu l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

**Lil Carmel Debono wahdu talli:**

6. U aktar tall fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ghidt kliem oxxen fil-pubbliku;

7. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi bi kliem insolentajt lil Daniel Lanzon;

8. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi heddidt bil-fomm lil Daniel Lanzon.

Il-prosekuzzjoni titlob lil din l-Onorabbli Qorti, meta jidrilha xieraq, biex tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok il-piena applikabbli ghar-reat, torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti;

Semghet lill-ufficjal prosekutur bil-gurament;

Rat bir-reqqa l-verbal tas-seduta ta` llum stess 19 ta` Mejju 2014 fejn, *inter alia*, jirrizulta irrevokabbilment (1) li Daniel Lanzon, l-allegat vittma, gie ikkumpensat mill-imputati ghall-hsara sofferta, iddikjara li ma kellu ebda pretensjoni ohra kontra taghhom u li konsegwentement u volontarjament kien qieghed jirrinunzja ghal dak kollu li huwa rinunzjabbli f'dan il-kaz, (2) li l-imputati kienu qed jammettu ghall-ewwel, il-hames u s-sitt imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom, u (3) li l-ufficjal prosekutur iddikjarat li ma kienitx qed tinsisti fuq ir-raba imputazzjoni u li effettivament ma kelliex provi xi tressaq dwar din l-imputazzjoni.

**Ikkunsidrat dan kollu u ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta u tiddeciedi** billi (a) tiddikjara t-tieni, t-tielet, is-seba u t-tmien imputazzjonijiet bhala rinunzjabbli, u peress illi dawn l-istess imputazzjonijiet gew rinunzjati mill-parte civile, qed tiddikjara l-procediment bhala wiehed ezawrit ghal dak li jirrigwarda tali imputazzjonijiet; (b) issib lill-imputati mhux hatja tar-raba imputazzjoni u minnha tilliberahom skond il-ligi; (c) issib lil Carmel Debono hati ta` l-ewwel, tal-hames u tas-sitt imputazzjoni, u lil Keith Debono hati ta` l-ewwel u tal-hames imputazzjoni, u wara li rat l-Artikoli 325(1)(b), 338(dd) u 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta u, billi jissussistu l-elementi ai termini tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-istess Artikolu, tilliberahom bil-kundizzjoni li ma jaghmlu ebda reat ghall-perjodu ta' sentejn mill-llum.

Il-Qorti fissret lil Carmel Debono u lil Keith Debono bi kliem li jinftiehem, il-konsegwenzi legali ta' din is-sanzjoni imposta fuqhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------